# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 43/02 AJD**
**Joseph Schembri**

**vs**

**Emanuel Portelli**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Jannar 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hamsa u sittin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm65.17) rapprezentanti s-sehem minnu dovut versu l-prezz ta' xoghlijiet li saru fis-sistema tad-dranagg li sservi t-tlett (3) appartamenti formanti parti mill-blokk bl-isem 'Palma" fi Triq Garcia de Toledo, Qawra li minnhom il-konvenut ghandu l-appartament numru tnejn (2).
Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Sema' x-xhieda tal-atur, ta' Karmenu Azzopardi, ta' Brandon Jackson, tal-konvenut, ta' Maria Portelli u tal-Perit Robert Zerafa. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mill-attur jirrigwarda sehem il-konvenut mill-prezz ta' xoghlijiet fis-sistema tad-dranagg ta' blokk ta' tlett appartamenti bl-isem ta' "Palma" fi Triq Garcia de Toledo, il-Qawra. L-attur huwa l-propjetarju tal-appartament numru 1, il-konvenut huwa l-propjetarju tal-appartament numru 2, filwaqt li Brandon Jackson huwa l-propjetaru tat-tielet appartament fil-blokk imsemmi. Ix-xoghlijiet in kwistjoni saru f'Ottubru tas-sena 2001 minn V&C Contractors Limited u swew Lm195.50 ( ara l-fattura relattiva esibita a fol. 15). L-attur ha hisieb li jinkariga lil kuntrattur sabiex jesegwixxi x-xoghlijiet necessarji u dan wara li nforma lil propjetarji taz-zewg appartamenti l-ohra tal-blokk. Brandon Jackson, il-propjetarju tal-appartmanent numru 3, hallas sehemu lill-attur u dan jirrizulta kemm mix-xhieda tieghu stess moghtija fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2002, kif ukoll mill-ircevuta esibita a fol. numru 10 tal-process.

Illi l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas sehemu mill-prezz ta' dawn ix-xoghlijiet ghaliex jikkontendi li l-hsara fis-sistema tad-dranagg giet kawzata mill-kuntrattur inkarigat mid-Dipartiment tat-Toroq li kien qed jaghmel xoghlijiet fit-triq in kwistjoni u fil-bankini tal-istess triq. Il-konvenut isostni wkoll li l-hsara fis-sistema tad-drenagg kienet tirrigwarda biss l-appartament tal-attur u ghalhekk kellu jaghmel tajjeb ghal hsarat l-istess attur.

Illi mix-xhieda ta' Brandon Jackson u ta' Karmenu Azzopardi, u cioe' l-impjegat ta' V&C Contractors Limited, (dan tal-ahhar esegwixxa x-xoghlijiet li jiffurmaw il-mertu tal-kawza), rrizulta inekwivokabilment li l-hsara kienet tirrigwarda s-sistema ta' dranagg tat-tlett appartamenti. Karmenu Azzopardi jghid hekk **"Il-medda ta' dranagg li jiena semmejt kienet isservi it-tlett appartamenti fil-blokk…. Ahna qlajna l-medda hazina u ghamilna kollox gdid**" u **"Il-hsara li rriskontrajt fil-medda tad-dranagg ma kienitx rizultanti minn xi hsara rizultanti minn xi difett fl-appartmanet tal-attur izda kienet minn difett barra t-triq".** Brandon Jackson spjega **li "l-problemi li kellna fid-dranagg kienu fis-sens li kien hemm 'overflow ta' dranagg li kien qed johrog fit-triq. Il-problemi kienu qeghdin jibdew minn taht l-parapett tal-blokk tal-appartamenti'**. Dan ix-xhud spjega wkoll li dawn il-problemi kienu ilhom jirrikorru ghal madwar sena u nofs qabel ma saru x-xoghlijiet u li meta kien qed isir ix-xoghol ta' thaffir fit-triq **"ahna ddecidejna li kien opportun li nirrangaw il-problemi li kien hemm fid-dranagg".** Inoltre il-Perit Robert Zerafa, li kien il-perit inkarigat mill-progett tax-xoghlijiet li kienu qed isiru fil-Qawra mid-Dipartiment tat-Toroq, spjega li d-Dipartiment qatt ma gie nfurmat li giet ikkagunata xi hsara waqt li kien qed isir ix-xoghol**. "L'anqas min-notamenti ma jirrizulta li sar xi rapport dwar hsara li kien hemm qabel, la mis-sidien u l-anqas mill-kuntratturi li kienu qed jesegwixxu x-xoghlijiet".** Dan ix-xhud enfasizza li jekk ikun hemm problema fis-sistema tad-dranagg li tkun saret mis-sid, u cioe' fil-'connection' bejn il-fond u l-'main sewer', huwa l-istess sid li jkun responsabbli ghat-tiswijiet necessarji.

Illi minn dan kollu jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-problema fid-dranagg kienet tirrigwarda s-sistema komuni ghat-tlett appartamenti in kwistjoni, li l-problema kienet antecedenti ghax-xoghlijiet maghmula mid-Dipartiment tat-Toroq li saru f'Ottubru u Novembru 2001 u li konsegwentement l-istess hsara ma setghatx giet ikkawzata mill-kuntrattur li kien qed jesegwixxi x-xoghlijiet ghan-nom tad-Dipartiment tat-Toroq kif qed jallega l-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-

konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hamsa u sittin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm65.17) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-effettiv pagament.

L-ispejjes ta’ din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**